**Laqgħa Numru 76**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**22 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-5.17pm wara li kien hemm quorum.

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit -Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI

n/a

MISTIEDNA:

Mario Camilleri Castelvenere - Ex-Sindku bħala punt ta' referenza għall-Wine Festival ma' ta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**76.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

76.1.1 Il-Kunsillera Jeanelle Attard infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi minħabba impenji oħra. Il-Kunsillier George Zammit informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba problema ta' saħħa.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

76.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 76 li saru nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju.

**76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

76.3.1 Is-Sindku stieden lis-Sur Mario Camilleri biex jitkellem fuq l-idea li jsir Wine Festival fis-7 ta' Lulju 2018 u dan wara li din kienet idea li ħarġet waqt iż-żjara tad-delegazzjoni f'Castelvenere. Il-ħsieb kien li jinġib inbid minn tnax-il kumpanija differenti ta' l-inbid minn Castelvenere. Il-membri preżenti qablu li dan l-avveniment għandu jsir fi Ġnien Blankas. Il-problema ta' parkeġġ għandha tiġi eliminata b'servizz ta' *Park and Ride* minn fejn il-*heliport area*. Kellhu jsir reklamar permess ta' leaflets imqassma f'kull dar, possibilita' ta' reklamar fuq l-istazzjon nazzjonali u anke naraw hux possibli li jintuża l-billboard li hemm fi Triq L-Imgarr biswit il-Mitħna. Barra minnhekk is-Segretarju kellha tiċċekja ftit biex tara x'hemm bżonn biex isir reklamar fuq is-*social media* speċjalment fuq *Facebook.*

76.3.2 Is-Sindku kkomunika li kien wasal iż-żmien li jsir manitenzjoni fuq il-Playing Fields kollha fix-Xewkija. Rigward il-*Playing Field* tal-Ħamrija l-membri preżenti qablu li kellhu jitqabad il-Perit Edward Scerri biex jaħdem fuq pjanta għax restructuring sħiħ kellhu sir f'dan il-*playing field*. Rigward il-playing field fl-*area* Ta' Ġokk kellhu jsir manitenzjoni minnufih speċjalment hekk kif kienet se ssir żjara minn delegazzjoni minn Castelvenere. Minnufih l-Kunsill kellhu jkellem lil Gużepp Camilleri biex jittranġa t-torri f'dan il-*playing field* li ġie vvandalizzat.

76.3.3 Is-Sindku kkomunika li ma kienx hemm aġġornamenti rigward l-*Open Gym* b'kollaborazzjoni ma' l-iskola min-naħa tal-Ministeru ta' L-Edukazzjoni.

76.3.4 Is-Sindku rreferra għal-librerija fejn jinħass il-bżonn li jsir *Air-conditioner* fil-kamra li ttranġat. Il-membri preżenti qablu ma' dan. Is-Sindku rreferra li fil-kunsill ukoll hemm bżonn li jinġabru l-kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li s-Segretarju għandha tiġbor il-kwotazzjonijiet tal-Librerija u l-Kunsill il-Ġdid ma' xulxin.

76.3.5 B'referenza għall-Kunsill Il-Ġdid, is-Sindku rreferra li hemm bżonn jinġabru kwotazzjonijiet għall-*framing* tal-Lift. Is-Segretarju kellha tieħu ħsieb dan.

76.3.6 Is-Sindku kkomunika li jixtieq li terġa' ssir laqgħa oħra ma' tal-Football rigward iż-żamma tat-toroq b'tentattiv biex tittranġa s-sitwazzjoni taż-żamma tat-toroq. Is-Sindku sostna li s-sitwazzjoni sejra għall-agħar.

76.3.7 Is-Sindku kkomunika li jaħseb li tkun xi ħaġa sabiħa li ssir plakka għal-librerija fuq barra tal-librerija mill-mużajk relatata mal-qari. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona li jiġi mqabbad Joseph Cauchi għall-istampa waqt Mary Portelli kellha tagħtina kwotazzjoni għall-mużajk.

76.3.8 Is-Sindku kkomunika li d-dati ta' l-International Food Festival kienu kkonfermati għall-10 u 11 ta' Awwissu 2018.

76.3.9 Is-Sindku kkomunika li għax-xhur tas-sajf se jkollna *Student Worker* taħt skema tal-*Job Plus*.

76.3.10 Is-Sindku kkomunikat li kienu avviċinawh Kumitat li għadu kif ġie imwaqqaf rigward il-ħsarat li għandha l-knisja fejn talbu li l-Kunsill ikun rappreżentat fuq dan l-istess bord. Waqt li qamet diskussjoni dwar għalfejn il-Kunsill għandu jkun imdaħħal f'Kumitat ta' din ix-xorta, il-membri eventwalment qablu li jaraw kif se jiżvolġi dan il-Kumitat.

**76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

76.4.1 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex minnufih jintalab *Traffi c Management* fi Triq L-Indipendenza peress li qed ikun hemm wisq konfużjoni. Hu stqarr li meta kienu jipparkjaw fuq in-naħa l-oħra kien jagħmel aktar sens. Il-membri preżenti qablu li kellna nkellmu lil Transport Malta

76.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex isir patching fit-toroq ewlenin u li minnhom tgħaddi l-purċissjoni. Il-membri preżenti qablu u s-Segretarju kellha tmexxi t-talba mal-Ministeru minnufih.

76.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li titneħħa l-i*sticker Public Convenience* u minflok isir *Toilets* għax ħafna turisti mhux qed jinduan li din qed tirreferi għal-latrina. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

76.4.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li għandha ssir tabella ġdid ma' Ġnien Castelvenere. Il-membri preżenti qablu li dan għandha ssir minnufih.

**76.5 Żjara f' Castelvenere u invit**

76.5.1 Is-Sindku rrefera għall-mawra tad-delegazzjoni f'Castelvenere fejn telgħu is-Sindku, il-Kunsillier Jeanelle Attard, il-Kunsillier Domenic Zerafa, is-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard akkumpanjati mis-Sur Mario Camilleri, ex-Sindku li kien beda l-ġemelaġġ fl-2002. Il-mawra kienet ta' suċċess u s-Sindku spjega li issa jmiss li il-Kunsill tax-Xewkija jospita delegazzjoni għall-festa. Kien għalhekk li kellhu jitħejja programm t'attivita' biex id-delegazzjoni minn Castelvenere tkun tista' tgawdi l-festa ta' San Ġwann u anke jżuru postijiet bħaċ-Ċittadella, Mdina, żjara ġo fabbrika tat-tadam f'Għawdex kif ukoll Ta' Mena Estate. Din id-delagazzjoni kellha tkun fosthom mill-Ġimgħa 22 ta' Ġunju 2018 sat-Tnejn 25 ta'

Ġunju 2018. Malli mill-*Comune* ta' Castelvenere jikkonfermaw in-numru li ħa jiġu kellhom jibdew jinġabru l-kwotazzjonijiet tal- lukandi u anke tas-servizz tat-transport.

**76.6 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni:**

76.6.1 **Approvazzjoni tar-Rapport Tender for Road Works At Xewkija, Gozo, As Part Of The Project The Improvement Of Access Roads Under Mearsure 4.3** Of The European Agricultrual Fund For Rural Development. Il-Kunsilliera preżenti approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni mill-bord ta' evalwazzjoni u ser jimxi skond ir-rakkomandazzjoni tagħhom.

76.6.2 **Apporovazzjoni tar-Rapport Tender For The Resurfacing Of Triq Il-Knisja, Xewkija And The Construction of A Storm Water Culvert Along Triq Santa Katerina.** Il-Kunsilliera preżenti approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni mill-bord ta' evalwazzjoni u ser jimxi skond ir-rakkomandazzjoni tagħhom.

**76.7 Attivita' marbuta mal-Festa ta' San Ġwann**

76.7.1 Is-Sindku kkomunika mal-membri preżenti dwar il-fatt li s-sena l-għaddiet kien hemm ħafna abbuż t'ilma mil-latrina fil-pjazza waqt il-marċ ta' filgħodu. Il-membri qablu li kellhu jitqabbad is-servizz ta' żewġ securities biex b'hekk jiġi evitat il-vandaliżmu fuq il-latrina

76.7.2 Is-Sindku rrefera għall-permess tal-gabbani u sostna li ma kellhomx jingħataw permessi jekk is-sidien tal-gabbani ma jippreżentawx l-*agreement* ma' min kien se jnaddaf warajhom u li dan għandu jiġi organizzat minnhom stess. Is-Sindku ssuġġerriexxa li jintalbu tankijiet min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex biex intaffgħu l-problema ta' skart.

76.7.3 Tqajjem il-punt dwar permess li ngħata għall-kiosk fil-Ħadd ta' qabel il-festa aktar l-isfel mill-każin tal-banda. Wara diskussjoni jekk dan kellhux jingħata jew le, il-membri preżenti qablu li l-Kunsill kien konformi mal-liġi. Min-naħa tiegħu s-Sindku kellhu jiċċekkja sew kem metri l-bogħod minn stabbilmenti kellhom jiġu armati kiosks.

76.7.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li tat-toys kellhom jingħataw permess biex jarmaw wara l-knisja jekk dawn ikunu jixtiequ jarmaw hemmhekk.

**76.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

76.8.1 Imejl mingħand Charles Borg fejn talab għal konferma min-naħa tal-kunsill biex bħas-snin l-imgħoddija jittella' l-programm mużikali tal-banda fil-ġimgħa tal-festa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija. Il-membri preżenti qablu li dan għandu jsir.

76.8.2 Imejl mingħand il-Kap ta' l-Iskola s-Sra Frankline Zammit Galea fejn talbet l-għajnuna mill-Kunsill Lokali għal 15 il-siġra taċ-ċitru għall-ġnien ta' quddiem tal-iskola Primarja. Il-membri preżenti qablu li dawn għandhom jinxtraw mill-Kunsill.

76.8.3 Imejl mingħand is-Sra Ritianne Buhagiar mit-Transport Malta dwar 'Workshop' li ser isir fit-8 u d-9 ta' Mejju rigward linji gwida u metodi ta' kif tippjana miżuri ta' mobilita fil-lokalita tiegħek.

76.8.4 Imejl mingħand s-Sur Ruben Said mit-Transport Malta fejn qal li Transport Malta aċċettat li jsir 'loading/unloading bay' quddiem Ta' Saminu Bakery fi Triq il-Ħamrija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

76.8.5 Imejl mingħand mis-Sra Amanda Abela mill-gvern lokali dwar l-opportunita' li l-Belt ta' Udine fl-Italja qed tagħti lil lokalita waħda Maltija interessata biex tissieħeb magħha fl-URBACT Transfer Network: The Playful Paradigm.

76.8.6 Ċirkulari numru 5/2018 – Fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Mejju l-Kunsilli Lokali huma mħeġġa biex jixgħelu binjiet pubbliċi, monumenti, etc, b'dawl blu jew vjola minħabba l-attivita Light up the Night tat-12 ta' Mejju.

76.8.7 Ċirkulari numru 4/2018 – Id-direttur għall-gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy qed jikkompila inventarju ta' monumenti li jinsabu fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

76.8.8 Imejl mingħand is-Sra Marie-Jeanne Borg mill-Gvern Lokali dwar stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Elettorali – Reġistru Elettorali ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern – April 2018.

76.8.9 Imejl mill-Gvern Lokali f'isem d-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin, dwar il-EEA and Norway Grants Fund for Regional Cooperation – Call for Proposals jointly organized by MEUSAC and FPD.

76.8.10 Imejl mingħand is-Sra Charlene Mercieca Magro dwar il-GreenPak's Local Council Awards fejn infurmat illi mal-premji li jqassmu lil Kunsilli Lokali, issa ser jippreżentaw premju lill-'Most Supportive Locality'.

76.8.11 Imejl mill-Gvern Lokali dwar kopja ta' email mibgħut mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili flimkien mal-poster dwar l-Open Weekend li ser isir f'Ħal Far Fire Station, bejn it-18 ta' Mejju u l-20 ta' Mejju.

76.8.12 Ittra mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali dwar il-ġbir tar-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali - April 2018.

76.8.13 Ċirkulari AKL 2018/050 - Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta' tenders fuq is-sistema EPPS.

76.8.14 Ċirkulari AKL 2018/049 – Seminar dwar il-Vjolenza Domestika, il-Ħamis 31 ta' Mejju.

76.8.15 Klarifikazzjoni maħruga mid-Dipartiment tal-Gvenr Lokali rigward it-terminu ta' kuntratti li jaqbżu l-€10,000.

76.8.16 Imejl mingħand Victoria Martha Pace dwar l-attivita Pageant of the Seas, fejn il-Fondazzjoni Valletta 2018 ser tkun qed tipprovdi transport b'xejn lejn il-Belt u lura. Il-Kunsill innota l-kontenut u ddeċieda li għandu jiġi preparat programm biex joffri ċ-ċans li n-nies tal-lokalita' jattendu għal dan l-avveniment.

76.8.17 Imejl mis-Sur Mario Attard bil-programm li kellhu jattendi għalih d-delegazzjoni magħmula mill-Kunsill f'Castelvenere bejn il-11 u 15 ta' Mejju 2018.

76.8.19 Talba mis-Sur Mario Pace biex jiżdied il-wattage ta' tlett lampi fi Triq Il-Ħamrija fejn l-istatwa ta' San Ġwann. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

76.8.20 Korrispondenza rigward it-talba għall-bozza fi Triq L-Indipendenza fejn l-inġinier qed jissuġġerriexxi li l-lampa titwaħħal ma' pipe hole. Il-membri preżenti aċċettaw ir-rakomandazzjoni tal-Inġinier Mizzi.

**76.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

76.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**76.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

76.14.1Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju fil-11.00am

Konfermati, illum **25 ta' Ġunju 2018**

___IFFIRMATA____________________ ___IFFIRMATA_________

Paul Azzopardi — Marion Attard

Sindku — Segretarju Eżekuttiv